# Harsa lura lejn 70 sena ilu.... u wara...

## Ġrajjiet u Tifkiriet mill-Kav. Joseph Said K.O.S.J.

1. Fil-festa tal-Imnarja li saret qabel it-Tieni Gwerra Dinjija tal-1939/45, l-ispiża totali ntelgħet għas-somma ta' £319 – 0 – 8d.
2. Din il-gwerra bdiet meta l-Ġermaniżi, immexxija mill-Kanċillier Nażista Adolf Hitler, ħadu taħt idejhom l-Awstrija u ċ-Ċekoslovakja, u wara, fit-3 ta' Settembru 1939 invadew lill-Polonja, li f'qasir żmien okkupawha. Minħabba din l-invażjoni, l-Ingilterra u Franza, li kienu alleati tal-Polonja, iddikjaraw gwerra kontra l-Ġermanja.
3. L-Armata Ġermaniża bdiet tinvadi u tokkupa pajjiż wara l-ieħor fl-Ewropa, u f'qasir żmien dawn il-pajjiżi kollha waqgħu taħt il-kmand Nażista, immexxi minn Adolf Hitler, li sar it-terrur ta' kull min kien jafu.
4. Billi Malta kienet kolonja Ingliża, anke din bdiet tqis ruħha fi gwerra mal-Ġermanja. Minħabba f'hekk, il-poplu Malti u Għawdxi kellu jgħaddi minn ħafna tbatijiet, bħalma huma għaks, tkissir ta' bini u palazzi u saħansitra mwiet li qatt ħadd ma ħolom bihom.
5. Waqt li l-għadu kien jiġġieled fl-Ewropa, aħna l-Maltin ma tantx batejna, ħlief minn xi nuqqas ta' xi ikel u affarijiet oħra ta' ħtieġa.
6. Minħabba din il-gwerra, anke n-Nadur beda jbati għax ħafna baħrin min-Nadur li kienu mbarkati fuq il-vapuri Ingliżi li kienu jbaħħru mal-ibħra kollha tad-dinja, għerqu mal-vapuri tagħhom. Difatti l-ewwel vittma li għerqet mal-vapur tagħha kien Ġużepp Attard (ta' Kurun) li kien imbarkat fuq il-vapur Thomas Walton li għereq fis-27 ta' Diċembru 1939.
7. Kulma jmur aktar bdiet tikber il-possibilità ta' gwerra riesqa lejn xtutna, billi kien jidher li l-Italja kienet imxaqilba li tidħol fi gwerra mal-Ġermanja u kontra l-Ingilterra, ħaġa, li ħafna kbarat Ingliżi, kif ukoll Taljani, qatt ma basru li dan kien se jseħħ.
8. L-Awtoritajiet Ingliżi u Maltin bdew jippreparaw lill-poplu biex ikun lest għal kwalunkwe ħaġa li setgħet tinqala. L-iskejjel kollha għalqu l-bibien tagħhom fl-1 ta' Ġunju 1940.
9. Il-poplu Naduri beda jisma' ta' spiss bil-mewt ta' wliedu li għerqu fuq il-vapuri. Difatti qabel mal-Italja daħlet fil-gwerra, bdew jaslu aħbarijiet ta' swied il-qalb għan-Nadurin, bil-għarqa ta' Salvu Farrugia (tal-Iskiter) li għereq fuq il-vapur Harcale fis-6 ta' Ġunju 1940 u liż-żgħażagħ Ġużepp Falzon (tal-Kakotta), Salvu Falzon (tad-Duwi) u Mikieli Falzon, bl-indirizz ta' Cardiff, li t-tlieta kienu fuq il-vapur Chelsea li għereq fit-3 ta' Awwissu 1940.
10. Bdew jitqassmu l-maskri tal-gass u beda jsir it-tagħlim kif dawn għandhom jintużaw f'kas ta' tfigħ ta' xi gass mill-għadu.
11. Sar tagħlim ukoll f'kas ta' tfigħ ta' bombi u billi ma kienx hemm xeltrijiet dak inhar, billi kienu għadhom ma bdewx jitħaffru, l-unika ħaġa li stajna nagħmlu kienet li nistkennu taħt xi mejda bil-mitraħ fuqha, infittxu xi mramma wiesgħa, li ma noħorġux barra waqt xi air raid, u xorta ta' kenn ieħor milli stajna nsibu.
12. Matul dan iż-żmien ħarġet ukoll ordni biex insoddu t-toqob u nissiġġillaw il-bibien u t-twieqi minħabba xi riħa tal-gass u ngħattu l-ħġieġ tat-twieqi u jew niżbgħu l-istess ħġieġ biex ma jkunx jista' jidher minn barra matul il-lejl.
13. Il-*blackout* kien jikkonsisti fi dlam perfett. Jekk xi dawl kien jidher mid-dar ta' xi ħadd, kien jiġi mħarrek u kien hemm pieni ħorox għal min jinqabad.
14. Il-kerfju kien jikkonsisti li minn x'ħin jidlam sa ma jisbaħ, ħadd ma kien jista' joħroġ mid-dar u joqgħod barra t-triq. Min kien jinqabad barra kien jiġi mħarrek. Dan kien igħodd għall-karozzi (li kienu waħdiet) u ingenji oħra.
15. Minħabba l-gwerra il-poplu kollu, b'mod speċjali aħna tan-Nadur, bdejna naħżnu u nrekku dak kollu li kien essenzjali u bżonnjuż, bħalma huma id-dqiq, iz-zokkor, iż-żejt, il-pitrolju (billi dak inhar ma kienx hawn dawl elettriku), is-sulfarini. Minħabba f'hekk kull ħaġa li kien hemm fil-ħwienet u f'din l-iskarzessa kollha il-prezzijiet bdew jogħlew mas-smewwiet u hawn daħal il-*blackmarket*, billi dawn il-bżonnijiet bdew jinħbew u jinbiegħu minn taħt u bil-moħbi bi prezzijiet esaġerati.
16. Il-ħajja għoliet mas-smewwiet. Bajda, meta kont issibha, kienet tqum tmintax-irbiegħi (żewġ xelini u nofs) jew 15-il ċenteżmu tal-lira Maltija jew €0.35. Xkora dqiq, li qabel il-gwerra kienet tiswa bejn lira u żewġ liri Maltin (bejn €3 u €4) issa bdiet tiswa bejn 40 u 50 lira, li jiġu bejn €94 u €116. U anke hawn, trid tkun xortik tajba biex issib tixtriha. U bi pjaċir ukoll, għax inkella ma ssibx.
17. Wieħed għandu jqis li l-pagi dakinhar kienu baxxi ħafna. Per eżempju, paga ta' ħaddiem kienet ta' lira u 13-il xelin fil-ġimgħa li jiġu lira u 65-il ċenteżmu ta' dari jew €2.63. Min kien jaħdem fil-periklu, il-paga kienet tkun ftit aktar. Wieħed jista' jaħseb l-imsejken ħaddiem, b'paga ta' lira u tlettax-il xelin fil-ġimgħa, kemm kien jista' jixtri xkora dqiq.
18. Sewwa li wieħed ikun jaf ukoll kemm kienu jqumu l-affarijiet l-oħra tal-ħajja: Wiżna patata kienet tmintax irbiegħi (madwar €0.30). Pastarda jew kaboċċa kienu tliet xelini (€0.35). Ratal laħam taż-żiemel jew tal-mogħoż (dak inhar ma kontx issib il-kwalitajiet taċ-ċanga jew majjal bħalma ssib illum) kien jinbiegħ xi 18-il xelin. Maż-żmien il-patata bdiet tiswa lira u nofs il-wiżna (€3.49). Ħobża kienet tqum nofs lira (€1.16). Anke l-ħarrub kien jinbiegħ f'dawk il-ġranet tal-għaks. Ħarrubu kien jiswa sold (€0.12). Iz-zokkor beda jinbiegħ lira l-wiżna (€2.33). Aktar ma beda jgħaddi ż-żmien, l-affarijiet aktar bdew jogħlew. Wieħed għandu dejjem iżomm f'moħħu li l-pagi dak inhar ma kinux bħal tallum.
19. Fil-bidu tas-sena 1940, proprju fid-9 ta' Jannar, waslet aħbar kerha fin-Nadur tal-għarqa ta' Francis Spiteri, ta' Pulitu, raġel mix-Xagħra miżżewweġ in-Nadur li kien Officers' Cook 1st Class, fuq l-aircraft Carrier HHS Glorious, waħda mill-akbar Aircraft Carriers li kellha l-Ingilterra li għerqet f'Narvik.
20. L-Italja daħlet fil-gwerra f'nofs il-lejl ta' bejn l-10 u l-11 ta' Ġunju, 1940. Fis-6.45am tal-11 ta' Ġunju sar l-ewwel ħbit mill-ajru mill-ajruplani Taljani. Intefgħu xi bombi u mietu xi nies. Dak il-jum saru seba' air raids, li matulhom saret ħafna ħsara fil-bini, intradmu u mietu xi nies.
21. Ta' kull ġimgħa fl-iskola kien isir talb speċjali minħabba l-gwerra.
22. L-ewwel bomba li ntefgħet fuq Għawdex kien filgħodu nhar il-21 ta' Ġunju, 1940, f'Ta' Toċċ, inħawi ta' Daħlet

Qorrot, in-Nadur. F'dak il-ħin kien hemm Ġużepp Mizzi ta' Labaxx, li matul il-lejl kien għall-kaċċa tal-fenek. Jista' jkun li dan Mizzi f'dak id-dlam xegħel xi sulfarin, l-ajruplan ġibed għal dik in-naħa u l-pilota reħa xi bombi li għamlu l-ħsara lis-siġar tal-frott u waqqgħu xi ħitan.

23. Proprju għaxart ijiem qabel mal-Italja daħlet fil-gwerra l-iskejjel ta' Malta u Għawdex għalqu – sinjal li l-periklu kien fil-qrib sewwa.

24. Għal bidu ta' meta l-Italja daħlet fil-gwerra, is-sinjali ta' ħbit mill-ajru (air raids) kienu jkunu billi jisparaw l-maskli. X'ħin jgħaddi l-air raid kienet tindaqq il-qanpiena l-kbira. Wara xi żmien bdiet tindaqq is-sirena għas-sinjali ta' ħbit mill-ajru. Din kienet tindaqq mill-għassa tal-pulizija. Bħala twissija kienu jindaqqu sinjali qosra u biex javżaw li spiċċa l-air raid, kien jindaqq sinjal għat-tul.

25. Ftit jiem qabel l-Italja daħlet fil-gwerra, ġie mwaqqaf il-korp tal-Home Guards. Dan kien korp ġdid li twaqqaf f'Malta u Għawdex, li kien jikkonsisti minn kaċċaturi u dawk kollha li kellhom xi senter jew xkubetta. Dan biex iħarsu l-irħula tagħhom minn xi attakk bil-paraxutisti. Kull min kellu xi arma minn dawn imsemmija seta' jidħol f'dan il-korp u biex dawn jitħajru aktar, il-permess għall-kaċċa ta' dawn kien spiċċa. Il-kap ta' dan il-korp f'Għawdex kien il-Kaptan Franky Debono, li qabel il-gwerra kien il-kap tal-iskola. Fin-Nadur kien hawn ħafna li daħlu fil-Home Guard u l-kap tas-Sezzjoni tan-Nadur li kienet tikkonsisti min-Nadur innifsu, il-Qala u Għajnsielem, kien in-nutar Ġużeppi Cauchi, dak inhar student fl-Università

Dawn kienu jingħataw l-uniformi kompluta u wara xi żmien jingħataw ukoll l-azzarini. Dawn l-azzarini kienu Taljani, li kienu nqabdu mill-priġunieri Taljani stess fl-Afrika ta' Fuq. Kienu jieħdu t-tagħlim tagħhom minn instructors tal-RMA (Royal Malta Artillery) jew tal-K.O.M.R (King's Own Malta Regiment). Il-Kapural Ninu Buttigieg, min-Nadur, kien wieħed minn dawn l-instructors. Il-headquarters ta' dawn il-voluntiera kien fid-dar ta' Ġużeppi Gatt fil-Pjazza. It-taħriġ kien isir fl-iskola u anke fil-Qortin tat-Torri. Ta' min ifakkar li dawn iż-żewġ riġmenti kienu riġmenti Maltin u ħafna Maltin u Għawdxin kienu fihom fi żmien il-gwerra. Dawn illum spiċċaw.

26. Matul il-gwerra il-festi ta' San Koronatu u dik tal-Imnarja u l-Milied naqsu ħafna mis-solennità tagħhom. Fil-knisja kienet tieħu sehem biss il-mużika tas-Surmast Giuseppe Giardini Vella. Għas-snin mill-1939 sal-1945 l-ispejjeż tal-mużika, inkluż it-trasport kienu:
San Koronatu: £6, £3.50, £10.75, £13.50, £15.50.
Milied: £1.50, £3.50, £5, £4, £7.50, £7.50.
Imnarja: (1939) Tempo di Gwerra: L-ispejjeż kollha kienu ta' £319.0.8d
(1940) £14.8.0d
(1941) £42.74.7d
Ta' min jinnota li s-snin 1940 u 1941 kienu snin ta' biża, mwiet, ecc.
(1942) £112.1.2d
(1943) £75.15.5d
(1944) £323.4.6d

27. Kważi xahar wara li l-Italja daħlet fil-gwerra, ġie mwaqqaf korp ieħor li ġie msejjaħ 'Special Constables'. Fin-Nadur, bħal f'kull belt u raħal f'Malta u Għawdex, kien hawn nies li daħlu f'dan il-korp. Dawn l-irġiel kienu jintgħarfu billi kienu jilbsu faxxa bajda f'dirgħajhom ix-xellugija bl-ittri S.C. Dawn l-Special Constables kienu jgħinu lill-pulizija fil-qadi ta' dmirijiethom bħalma huma li bil-lejl ma jkunx jidher dawl minn xi twieqi jew bibien, jaraw li waqt xi air raid ma joħroġ ħadd minn daru jew ma jitħarrikx mnejn ikun qiegħed, li minn x'ħin jidlam sa ma jisbaħ ma jkun hemm ħadd barra t-triq, u affarijiet oħra ta' għajnuna għal dak li jista' jinqala' li għandu x'jaqsam mar-regolamenti li ta' kultant kienu jinħarġu. L-għalliema kollha ta' Malta u Għawdex kienu membri ta' dan il-korp. Tajjeb li wieħed isemmi dawn l-irġiel min-Nadur li kienu Special Constables. Barra l-għalliema min-Nadur li dak inhar kienu jgħallmu fl-iskola tagħna, li kienu Kelinu Grima, Anġlu Żerafa u Toni Said, kien hemm irġiel oħra li daħlu bħala Special Constables, fost dawn kien hemm Ġużeppi Cassar, Ġakki Farrugia, Leli Mifsud, Toni Camilleri, Toni Grima, Pawlu Portelli, Kurun Said, Wiġi Portelli, Mikieli Żerafa, Ġużepp Portelli u Alexander Sammut.

28. Malli l-ajruplani Taljani bdew jispissjaw bl-air raids tagħhom fuq Malta, u l-bombi bdew neżlin bl-addoċċ fuq l-irħula u l-bliet Maltin, b'mod speċjali dawk il-lokalitajiet li kienu qrib it-tarzna u l-ajrudromi, fin-Nadur bdejna naraw ruxxmati ta' nies Maltin li ġew biex idabbru rashom hawn u jeħilsu minn dawk il-bombi qattiela. Fi żmien qasir, in-Nadur imtela bir-refuġjati u billi dawn kienu minn tal-ewwel li rifsu fuq in-Nadur kollha sabu kenn fejn fi djar li kienu vojta. Meta l-attakki mill-ajru bdew jiżdiedu bdejna naraw aktar Maltin fin-Nadur. Dawn deffsu rashom fejn setgħu. Anke fl-għerien ta' Daħlet Qorrot sabu r-refuġju tagħhom. Kien ikkalkolat li b'kollox il-Maltin li kien hawn fin-Nadur kienu bejn it-800 u d-900. Kollha kemm huma integraw ruħhom magħna u bdejna nqisuhom bħala Nadurin bħalna.

29. Bħalma diġà għidt, billi kien hemm dawk il-bumbardamenti kollha fuq Malta, fl-1940 il-festa tal-Imnarja saret fuq fuq. Biex ngħid hekk, saret xi ħaġa bħala tifkira biss. Kien hemm funzjoni mill-aktar sempliċi bħalma jidher mill-ispiża totali li tkellimt fuqha aktar 'l quddiem. Fis-snin ta' wara l-funzjonijiet kienu dejjem sempliċi. Ħadet sehem l-orkestra tas-Surmast Giuseppe Giardini Vella li kien Maestro di Cappella tal-Kolleġġjata tan-Nadur u surmast tal-Banda La Stella. Iċ-ċerimonji solenni bħal dawk li kienu jsiru s-soltu, ma kienx hemm din id-darba. Dwar is-snin ta' wara diġa' tkellimna iżjed 'l quddiem.

Dwar is-sena 1944, meta s-sitwazzjoni kienet bdiet ġejja għall-aħjar, il-festa saret bis-solennità tas-soltu. Il-Pjazza ġiet armata bit-trofej, bil-palk u l-kolonni bħalma ġew armati wkoll it-toroq tal-purċissjoni. Barra l-Banda La Stella ħadet sehem ukoll il-Banda La Vittoria tal-Mellieħa. Ħadet sehem ukoll il-mużika tas-Surmast Giuseppe Camilleri, li naturalment kien il-Maestro di Cappella għall-festa tal-Imnarja għal żmien twil. Ta' min jinnota li l-ispejjeż tal-mużika ta' Camilleri kienu dawn: £48 għall-mużika u £113 għall-ikel u l-irqad. L-ispejjeż għall-Banda La Stella li ħadet sehem lejlet u nhar il-festa kienu ta'£34 u l-ispejjeż tal-Banda La Vittoria kienu: £20 għall-banda u £15 u 10 xelini għall-ikel u l-irqad.

30. Fl-1945 il-festa reġgħet ħadet ir-ritmu ta' qabel u s-solennità kif konna nafuha. F'din is-sena ħadu sehem il-baned La Stella u Leone tar-Rabat, La Vittoria tal-Mellieħa u Sant'Elena ta' Birkirkara. L-ispejjeż ta' dawn kienu: La Stella £37, Leone £20, La Vittoria £18, Sant'Elena £65. Trasport £17, ikel u rqad £35, xorb u ħelu £16.9-0d għall-baned kollha.

31. Fl-1940, minħabba l-kerfju u l-blackout, il-quddiesa ta' nofs il-lejl li s-soltu ssir fil-Milied ma saritx. Minflok din saret fl-4.00pm. Għalina li konna mdorrijin bil-quddiesa ta' nofs il-lejl, rajniha xi ħaġa stramba. Kienet l-ewwel okkażżjoni li konna nafu biha li quddiesa hawn Għawdex issir wara nofs inhar.

32. Fl-1 ta' Marzu, 1941, ġew l-ewwel suldati fin-Nadur. Dawn kienu kumpanija tar-Riġment London Scottish. Dawn ħadu taħt idejhom nofs l-iskola tal-bniet. Minħabba f'hekk l-iskola bdiet bil-half time system. Is-subien kienu jitgħallmu filgħodu u l-bniet wara nofs inhar. Dan il-grupp ta' suldati kien jikkonsisti minn żgħażagħ universitarji li kienu nġabru bil-lieva. Wara xi żmien qasir dawn telqu fit-28 ta' Mejju u ġimgħa wara, t-tagħlim reġa' ġie għan-normal.

Diversi kumpaniji ta' riġmenti Ingliżi bdew jiġu u jmorru ta' sikwit. Fost ir-riġmenti li kienu stazzjonati f'diversi lokalitajiet fin-Nadur kien hemm il-Manchester Regiment, id-Dorsetshire Regiment, id-Devonshire Regiment, il-Hampshire Regiment, il-West Kent Regiment u stakkamenti oħra. Dawn, maż-żmien, kważi ħadu l-iskola kollha taħt idejhom. Minħabba f'hekk, il-klassijiet tat-tfal bdew isiru f'postijiet imxerrdin fin-Nadur, imma dejjem qrib xi xelter, minħabba l-attakki spissi li kienu jsiru.

Fl-1943 ġie battaljun Amerikan, il-536th C.A. Bn.A.A. Dan ħa żewġ skejjel f'idejh u xi postijiet oħra fin-Nadur li diġa' kienu f'idejn is-suldati Ingliżi. L-iskejjel tan-Nadur saru l-General Headquarters ta' dan il-battaljun. Parti mill-iskola tas-subien bdiet tintuża bħala sptar. Parti oħra bdiet tintuża bħala uffiċċju mnejn joħorġu l-ordnijiet lill-kumpaniji mqassmin madwar Għawdex.

33. Sadanitant l-aħbarijiet tal-imwiet tal-baħrin Nadurin fuq il-vapuri baqgħu jaslulna ta' spiss. Infatti nsibu li Kurun Cauchi (ta' Beżger) għereq mal-vapur tiegħu Llanwern is-26 t' Frar, 1941. Ftit wara ħadna l-aħbar li Kurun Farrugia (tal-Ingliż) u Ġanni Portelli (taċ-Ċimċem) għerqu mal-vapur tagħhom Hawkings fis-27 ta' Lulju 1941. Sitta oħra ukoll ulied in-Nadur, għerqu mal-vapur Newbury fil-15 ta' Settembru 1941. Dawn kienu Karmnu Pisani (tal-Qorru), Frenċu Portelli (taċ-Ċombos), Pawlu Stellini (ta' Karvja), Ġużepp, Kurun u Karmnu Attard (tan-Nemes –tliet aħwa).

34. Wara li l-awtoritajiet raw li l-bumbardamenti mill-ajruplani tal-għadu kulma jmur baqgħu jiżdiedu, għall-bidu tal-1941, bdew jaħsbu biex iħaffru x-xeltrijiet pubbliċi fit-toroq. Kien hemm diġa' min kien ħaseb għal rasu fost il-privat. Kien hemm ħafna nies li kellhom xelter fid-dar tagħhom. Fin-Nadur kien hemm 23 xelter, imqassmin mat-toroq kollha. Kienu jieħdu ħsieb it-tħaffir ta' dawn ix-xelters fin-Nadur Fonzu Vella (ta' Fatti) u Frenċu Attard (tan-Nannu).

35. Kien il-Ħadd, f'Marzu 1941, meta ajruplani kienu ġejjin fil-baxx min-naħa tar-Ramla. L-ajruplani kienu ħamsa u wieħed minnhom tant kien fil-baxx li ma setax jiskapula ix-xifer tas-sies ta' fuq ir-riħ tal-Għajn tan-Nadur. Ħabat mas-sies u kkraxxja u sploda. In-nies tiegħu tqattgħu bċejjeċ u nħarqu. Propju dak il-ħin, ħdejn din l-għajn kienet għaddejja xarabank mimlija nies li kienu sejn ir-Rabat. Ommi kienet waħda minnhom. L-ajruplan tant għadda baxx minn fuq ix-xarabank li n-nies twerwru u kellhom raġun. Ħafna minnhom stqarru li dak inhar l-aħħar jum ta' ħajjithom. Ix-xufier u sid ix-xarabank kien Salvu Tabone (is-sangilott). Wisq probabbli li dak l-ajruplani niżel hekk fil-baxx, biex ikun ċert kienx hemm xi military mill-passiġġieri.

36. Fl-1942, in-numru ta' rifuġjati fin-Nadur kiber sewwa. Id-djar li kien baqa' vojta kollha ġew okkupati. Tant kien hawn rifuġjati jiġru mas-saqajn, li dawk li ma sabux fejn idabbru rashom raw kif għamlu u kellhom jikkuntentaw billi joqogħdu fl-għerien li kien hemm fl-għelieqi u bħalma għidt, fl-għerien ta' Daħlet Qorrot.

37. Fit-3 ta' Jannar 1942 fin-Nadur saret ħerba sħiħa. Għall-ħabta tal-erbgħa ta' filgħodu, ajruplan tal-għadu, li kien ġej min-naħa tar-Ramla, reħa l-bombi tiegħu fuq in-Nadur, waqgħu xi djar u saret ħsara kbira lil ħafna oħrajn. Fi Triq Grunju mietet it-tarbija Karmenu Gatt, mirdum taħt il-ġebel. Fi Triq il-Mitħna l-Qadima ntradam u miet Ġanni Meilak, ġuvni ta' 32 sena. Kien hemm xi nies oħra li weġġgħu ħafif. (Għal aktar tagħrif ara 'Nostalgija...Eku ta' 68 sena...Balal fuq in-Nadur'. Luminarju Nru 99 Diċembru 2009)

38. Tnax-il ġurnata wara, fil-15 ta' Jannar, in-Nadur reġa ġarrab disgrazzja oħra. Għal ħamsa nieqes kwart ta' filgħaxija ajruplan ieħor tal-għadu, tefa' bombi fuq in-Nadur. Din id-darba l-aktar li ntlaqtet kienet Triq it-Tiġrija. Sitt idjar ġew imġarrfa għal kollox, oħrajn ġarrbu ħsarat strutturali. Franġisk Cutajar, ta' 48 sena, x'ħin kien sejjer minn banda għall-oħra biex jistkenn, laqtitu bomba direct hit u għamlitu bċejjeċ. Rita Galea, ta' 15-il sena, li kienet għadha kemm waslet mill-iskola sekondarja tar-Rabat. mietet fid-dar ta' zijuha Dun Marċell Galea, meta bomba ġiet fuq id-dar tiegħu. Ġużeppi Muscat, tifel ta' 9 snin, miet mirdum taħt il-ġebel tad-dar tal-ġenituri tiegħu. Ommu, Anġela u ħutu Carmela u Mary u tarbija oħra ttieħdu l-isptar għax kienu feruti. Dan l-attakk aktarx sar billi matul it-triq tat-Tiġrija, taħt is-siġar taċ-ċawsli kien issoltu jkun hemm mill-Bren Gun Carriers tas-suldati Ingliżi li kienu stazzjonati l-iskola li kienet fl-istess triq u qrib ħafna ta' fejn waqgħu l-bombi.

39. Fit-3 ta' Frar 1942 waslet l-aħbar li Saver Muscat (tad-Dikka) għereq mal-vapur tiegħu Loch Ranza.

40. Fit-12 ta' April 1942, għall-ħabta tal-erbgħa ta' filgħodu fuq in-Nadur instemgħu ħsejjes li jtarrxu ta' ajruplan. Wara ftit instemgħet splużjoni kbira. Kien ajruplan li waqa' f'għalqa wara t-tiġrija fl-inħawi ta' San Blas. Dan l-ajruplan tfarrak u sar biċċiet. Hekk ukoll ġara lill-piloti li kien hemm fuqu li kollha nħarqu. Pilota ieħor, li kien fuqu u qabeż qabel mal-ajruplan ikkraxxja, ġie fuq il-ħajt tal-bitħa ta' dar fi Triq il-Knisja. Dan tfarrak mal-waqgħa. Persuna oħra qabżet minn fuq l-ajruplan x'ħin kien għaddej minn fuq Kemmuna. Dan salva u ġie meħud priġunier.

41. Fis-7 ta' Mejju 1942 ajruplan ieħor li kien ġej minn fuq ir-Ramla , tefa' l-bombi li kellu fuq in-Nadur. Dawn kienu bombi żgħar (Molotov cocktails) u ftit li xejn għamlu ħsara. Il-bombi ġew fi Triq il-Knisja u oħrajn madwar il-knisja. Kien miraklu li l-ebda bomba li waqgħet fl-inħawi ta' madwar ma laqtitx il-knisja.

42. Il-ġabra tal-qamħ. Fl-1942 is-sitwazzjoni tal-ikel kienet tant gravi u l-ħażna kienet waslet tant fit-tarf li l-awtoritajiet ħassew il-bżonn li jitolbu lill-bdiewa biex jagħtu mill-qamħ li kellhom maħżun. F'Malta, l-ikel kien tant skars li kien għad baqa' biss biex iservi għal ftit jiem oħra. L-awtoritajiet kienu waslu fil-punt li jċedu. Saru

laqgħat f'Għawdex u fin-Nadur biex jitolbu lill-bdiewa u jħeġġuhom biex jagħtu minn dak li kellhom maħżun. Il-poplu tan-Nadur kien tant ġeneruż li l-bdiewa offrew mill-qamħ li kellhom, f'żewġ okkażjonijet. L-ewwel darba taw 13-il tunnellata qamħ u t-tieni darba taw 14-il tunnellata. L-awtoritajiet kellhom l-għajnuna fin-Nadur lil Kelinu Vella Haber li dak iż-żmien kien għalliem fis-Seminarju t'Għawdex, li għamel dak kollu li seta' biex jgħin lil ħutu n-Nadurin. F'dawn iż-żminijiet, il-ħabib tiegħi Kelinu, li għadu mimli bl-għomor u minn hawn insellimlu, kien il-Fundatur tal-Għaqda tal-Ilsien Malti li waqqaf fin-Nadur għall-ewwel darba. Il-Baruni Vella Haber jgħid li min-Nadur biss inġabru 52 tunnellata qamħ. Din il-ġabra patrijottika u ġeneruża baqgħet tissemma' l-Ġabra tal-Qamħ. Permezz ta' din il-ġabra il-poplu Malti u Għawdxi stejqer għal ftit żmien.

43. Biex itaffi ftit mill-ġuħ li kien jirrenja, il-Gvern ħoloq il-Victory Kitchens. Dawn kienu jsajru xi ikel kuljum u l-ikel kien jitqassam lil dawk li kienu miktuba billi ħallsu xi ftit flus u li l-aktar kienu fil-bżonn. L-ikel ta' matul il-ġimgħa kien jikkonsisti f'soppa, għaġin biz-zalza, minestra, fażola, ħaxix, laħam tal-mogħża jew taż-żiemel, ħut tal-landi nhar t'Erbgħa u nhar ta' Ġimgħa (billi ma kienx jiswa laħam). Fin-Nadur kien hawn żewġ Victory Kitchens jew kif konna nsibuhom ukoll bħala Kċejjen tar-Rebħa. Waħda kienet fi Triq il-Kappillan u l-oħra kienet fil-bidu ta' Triq Ċimċem.

44. F'Ġunju tal-1943, kien ġie battaljun Amerikan. Il-biċċa l-kbira ta' dawn is-suldati kienu stazzjonati fl-iskejjel tan-Nadur, fejn kellhom il-Head Quarters, il-kappella, l-isptar, stazzjon żgħir tal-wireless li minn hawn kienu joħorġu l-istruzzjonijiet lil kull batterija li kienu mqassmin m'Għawdex kollu, b'mod speċjali fin-Nadur u fil-Qala. Dan il-battaljun kien armat bil-kanuni mxerrdin m'Għawdex kollu.

45. Sandanitant l-aħbarijiet ħżiena dwar l-għarqa ta' ħutna baqgħu dejjem jiżdiedu. Insibu li wara l-aħħar għarqa ta' Saver Muscat fit-3 ta' Frar 1942, sirna nafu bl-imwiet ta' baħrin oħra Nadurin u li kienu Ġużepp Camilleri (Tal-Ġużi) li għereq mal-vapur tiegħu Ashworth fit-13 ta' Frar 1942, ta' Ġużepp Portelli (tat-Taljan) fuq il-vapur Soravaya fid-29 t'Ottubru, 1942, Leli Said (ta' Silċa) fuq il-vapur Knitsley fit-12 ta' Diċembru 1942, Ġużepp Portelli (taċ-Ċombos) fuq il-vapur Atland, fil-25 ta' Marzu 1943, Ġanni Grima (tal-Maċina) fuq il-vapur Lancastrian Prince fil-11 ta' April 1943, Karmnu Cassar (ta' Brajġu) fuq il-vapuar Ashbur kif ukol tliet Nadurin oħra fuq l-istess vapur Ashbury li l-erbgħa mietu fit-8 ta' Jannar 1945.

Ma' dawn in-Nadurin li mietu biex aħna ngħixu, insibu wkoll lil Kurun Muscat (ta' Popla), Ċikku Portelli (taċ-Ċikkar), Toni Portelli (ta' Forfara) u Pawlu Falzon li anke dawn għerqu mal-vapuri tagħhom li ma nstabx meta għerqu u fuq liema vapuri kienu. Barra minn dawn imsemmija insibu lil Salvu Rapa (ta' Ġummajr) u Toni Cauchi (ta' Beżger). Anke dawn mietu meta għerqu mad-dgħajsa tal-pass, waħda mid-dgħajjes li kienu jivvjaġġaw bejn Malta u Għawdex biex iġibulna l-ikel u dak kollu li kellna bżonn. Ma' dawn ta' fuq, niftakru wkoll f'dawk is-suldati Nadurin li mietu kawża tal-gwerra. Dawn huma l-Kapural Frank Vella Haber R. M. A. li miet fis-7 ta' Lulju 1941, Mikieli Debono (ta' Żoqju), suldat fil-K.O.M.R. li miet fid-29 t'Awwissu 1942 u Żarenu Grima, suldat fl-R.M.A.

Waqt li semmejt dawn il-baħrin u oħrajn li mietu fuq il-baħar, magħdudin ukoll is-suldati, jixraq ukoll li nsemmu l-pajżana Nadurin li mietu kawża tal-gwerra, barra dawk li diġà semmejt aktar 'l quddiem: l-aħwa Koronatu u Ġużeppi Azzopardi (ta' madwar disa' snin) li mietu meta sabu bomba tal-għadu u splodiet f'idejhom, Grezzju Magro (tan-Namuri) ta' madwar sittax-il sena li miet fl-1 ta' Marzu 1941 u Feliċ Biġeni (ta' Portundu) li miet b'ħidma tal-għadu fid-29 ta' Diċembru 1941.

46. Barra mill-Victory Kitchens li kienu jqassmu l-ikel għal min kien miktub kien hawn ir-razzjon. Billi l-affarijiet essenzjali għall-ħajja kienu, kulma jmur qegħdin jonqsu, il-gvern daħħal is-sistema tar-razzjon, biex kulħadd jieħu dak li jmissu.

Il-konvojs ta' vapuri li kienu jsalpaw mill-Ingilterra biex iġibulna l-ikel, il-biċċa l-kbira tal-vapuri kienu jiġu mgħarrqa matul il-vjaġġ. Min-numru kbir ta' vapuri li kienu jħallu l-Ingilterra mgħobbijin bl-ikel u affarijiet essenzjali, qajla kienu jaslu xi vapur jew tnejn. Mhux l-ewwel darba li konvoj sħiħ ta' numru kbir ta' vapuri kien jiġi mgħarraq kollu fi triqtu lejn Malta. Minħabba din is-sitwazzjoni prekarja, it-tqassim tar-razzjon kellu jinbeda qabel iż-żmien. Kollox kien razzjonat. Minħabba n-nuqqas ta' ikel, kien isir it-tpartit. Żewġ wiżniet patata ġie li nbidlu ma' par sandli. Ratal kafè ma' rukkell ħajt. Flixkun pitrolju ma' nofs artal ħobż. Min jaf kemm affarijiet tad-deheb, bħalma huma ġiżirani, ċrieket, imsielet u affarijiet oħra simili, inbidlu ma' affarijiet tal-ikel bħalma huma dqiq, għaġin, żejt u affarijiet oħra tal-ikel. Il-ġuħ iġagħlek tagħmel minn kollox.

47. Minħabba n-nuqqas ta' ikel, u minn fuq ikel ħażin, kien ikun hawn ħafna mard, bħalma huwa il-ħakk (scabies), ħtija ta' nutrizzjoni ħażina u nuqqas ta' sustanzi. Biex tagħqad, fil-bidu ta' Jannar, 1943, tfaċċat l-epidemija tal-paralisi infantili, 1. Minħabba f'hekk l-iskola kellha tingħalaq għal xahrejn. Din l-epidemija kerha ħalliet ħafna tfal innoċenti mmankati.

48. Il-ġranet tal-periklu bdew jonqsu billi l-bumbardamenti mill-għadu ma baqgħux spissi bħalma kienu. Iż-żmien beda jgerbeb ġmielu u l-Alleati bdew jirbħu battalja wara oħra. L-eluf ta' suldati Ingliżi u anke dawk Amerikani, bdew iħallu lil Għawdex biex jirritornaw għall-bażijiet oħra, anqas perikolużi. L-iskola reġgħet ittieħdet mill-awtoritajiet tal-edukazzjoni u t-tagħlim reġa' beda ġej bil-mod għan-normal.

49. L-armata Ingliża u anke dik Amerikana, bdew jirbħu kull fejn jgħaddu. L-eżerċiti Nażisti u dawk Faxxisti, bdew jaqgħu qishom par tal-karti. Bdejna nisimgħu b'rebħa wara oħra.

50. Fix-xahar ta' Novembru 1944, il-Gvernatur, il-Ġeneral Sir Edmund Shreiber, għamel żjara fl-iskola tan-Nadur fejn apprezza ir-rwol li għamlu l-iskejjel fi żmien il-gwerra. Fit-8 u d-9 ta' Mejju 1945, l-iskejjel ta' Malta u Għawdex għalqu l-bibien tagħhom. Din id-darba mhux minħabba il-perikli tal-gwerra, imma biex ingawdu t-tifkira tar-rebħa tal-Alleati fl-Ewropa, fuq il-Faxxiżmu u n-Nażismu.

*Għal aktar tagħrif ara 'In-Nadur fi żmien il-gwerra – Tifkiriet') Luminaria mill-1 sal-10 parti: Diċembru 1991, Marzu 1992, Ġunju 1992, Diċembru 1992, Marzu 1993, Diċembru 1993, Marzu 1994, Settembru 1994, Diċembru 1994 u Marzu 1995.*